MALTA

# QORTI TAL-APPELL
## (Kompetenza Inferjuri)

**ONOR. IMĦALLEF**
**LAWRENCE MINTOFF**

Seduta tal-25 ta' Novembru, 2020

Appell Inferjuri Numru 94/2018 LM

**Joseph Parnis (K.I. 66355G)**
*("l-appellant")*

***vs.***

**Duncan Genius (K.I. 307479M)**
*("l-appellat")*

**Il-Qorti,**

**<u>Preliminari</u>**

1. Dan huwa appell magħmul mir-rikorrent **Joseph Parnis** (minn issa 'l quddiem "l-appellant"), mid-deċiżjoni mogħtija mit-Tribunal tal-Arbitraġġ fi ħdan iċ-Ċentru dwar l-Arbitraġġ ta' Malta (minn issa 'l quddiem "it-Tribunal"), fit-23 ta' Awwissu, 2018, (minn issa 'l quddiem "id-deċiżjoni appellata"), li

permezz tagħha t-Tribunal iddeċieda l-vertenza li kellu quddiemu billi ċaħad it-talbiet kollha mressqa mir-rikorrent, laqa' l-ewwel żewġ eċċezzjonijiet tal-intimat, hawnhekk "l-appellat" **Duncan Genius** fir-rigward tar-responsabbilità għall-inċident awtomobilistiku li seħħ fit-3 ta' Ottubru, 2012, fi Triq ix-Xlendi, il-Munxar, Għawdex, u ddikjara li r-rikorrent Joseph Parnis huwa unikament responsabbli għall-inċident. Konsegwentement, it-Tribunal astjena milli jieħu konjizzjoni tat-tielet u r-raba' eċċezzjonijiet tal-intimat.

## Fatti

2. Fl-Avviż tal-Arbitraġġ ippreżentat minnu, ir-rikorrent spjega li huwa kien qiegħed isuq *tractor* tal-għamla Massey Fergusson, meta f'ħin minnhom ħabtet mal-ġenb tat-*tractor* misjuq minnu, vettura tat-tip Honda Accord li kienet misjuqa mill-intimat. Ir-rikorrent jgħid li konsegwenza ta' dan l-inċident huwa sofra ħsarat estensivi fit-*tractor* misjuq minnu. Mill-provi miġjuba quddiem it-Tribunal fil-fatt jirriżulta li ż-żewġ vetturi involuti fl-inċident mertu ta' dawn il-proċeduri ġarrbu ħsarat estensivi.

## Mertu

3. Permezz tat-talbiet tiegħu lit-Tribunal tal-Arbitraġġ, ir-rikorrent talab li jiġi ddikjarat li l-inċident inkwistjoni seħħ unikament tort u ħtija tal-intimat

Duncan Genius, li skont ir-rikorrent kien qiegħed isuq b'mod negliġenti, bi traskuraġni u b'nuqqas ta' attenzjoni, u li konsegwenza tal-inċident huwa sofra danni u spejjeż oħra, inkluż spejjeż legali. Ir-rikorrent spjega li għalhekk huwa qiegħed jitlob lit-Tribunal jikkundanna lill-intimat iħallas l-ammont likwidat in linea ta' danni, u d-drittijiet u l-ispejjeż kollha konnessi mal-proċeduri tal-arbitraġġ, u l-imgħaxijiet legali kollha dovuti fuq id-danni sofferti mir-rikorrent mid-data tal-inċident sad-data tal-pagament effettiv.

4. Fir-risposta tiegħu l-intimat wieġeb li l-inċident seħħ unikament tort tar-rikorrent Joseph Parnis. Qal li t-talbiet tar-rikorrent huma infondati fil-fatt u fid-dritt, u li konsegwentement huwa mhu responsabbli għall-ebda danni. Kompla jgħid li d-danni pretiżi mir-rikorrent huma kkontestati għaliex dawn huma esaġerati, u għaldaqstant żied jgħid li r-rikorrent għandu jġib l-aħjar prova tad-danni sofferti minnu. L-intimat wieġeb ukoll li kwalunkwe imgħaxijiet li jistgħu jkunu dovuti għandhom jiġu kkalkulati mid-data tan-notifika tat-talba u mhux mid-data meta seħħ l-inċident.

5. Quddiem t-Tribunal **Francis Tabone**, li għandu parentela mar-rikorrent, xehed li fil-ħin meta seħħ l-inċident huwa kien qiegħed jaħdem fir-razzett tiegħu li jinsab f'Għajn Tuta, fil-limiti ta' Kerċem. Qal li huwa rċieva telefonata mingħand ċertu Paul Cardona, li talbu jinżel fit-triq tax-Xlendi sabiex jara x'kien ġara. Qal li meta wasal fuq il-post fejn seħħ l-inċident sab li t-*tractor* li kien qiegħed isuq ir-rikorrent, kien inqasam f'diversi biċċiet, u meta waqaf it-*tractor* kien qiegħed iħares lejn id-direzzjoni tax-Xlendi. Qal li l-vettura l-oħra involuta

fl-inċident kienet pożizzjonata wara t-*tractor,* b'wiċċha fid-direzzjoni lejn ix-Xlendi. Qal li r-rikorrent deher muġugħ, u dak il-ħin spjegalu li huwa kien ġej mid-direzzjoni tal-Fontana lejn ix-Xlendi, għax ried jikser lejn il-lemin, u hekk kif kiser baqgħet dieħla fih vettura li ma jafx minn fejn ġiet. Ix-xhud qal li kien hemm marki tal-brejkijiet fit-triq li tieħu għax-Xlendi, u dawn kienu jidhru li saru mir-roti tat-*tractor* għaliex kienu jidhru qishom grif. Ix-xhud qal li fil-ħin li huwa wasal fuq il-post, kien għadu ma dalamx kompletament.

6. **Paul Cardona** xehed li fil-ħin meta seħħ l-inċident, huwa kien qiegħed bit-*tractor* tiegħu fl-għalqa li tmiss mat-triq ewlenija tax-Xlendi, li tinsab madwar tmenin metru bogħod minn fejn seħħ l-inċident. Qal li huwa kien aktar 'il fuq minn fejn seħħ l-inċident, jiġifieri aktar viċin tal-Fontana, u ma kien hemm xejn x'jostakolalu l-viżwali għal fejn seħħ l-inċident, għajr għal xi arbli tad-dawl li hemm fl-inħawi. Ix-xhud spjega li huwa ra lir-rikorrent ħiereġ mill-għalqa tiegħu, u ftit wara sema' ħoss ta' *brake* u daqqa. Qal li dak il-ħin ra lir-rikorrent jieħu daqqa mal-*mudguard* ma' naħa minnhom tat-*tractor*, jintefa' fuq il-ġenb l-ieħor u jinqaleb fuq dahru. Kompla jgħid li t-*tractor* kellu d-dawl mixgħul, u wara li sema' l-ħoss ra li t-*tractor* tar-rikorrent kienet pożizzjonat lejn il-lemin, hekk kif dan kien qiegħed jikser lejn Triq Għajn Tuta. Qal ukoll li parti mit-*tractor* kienet diġà fil-parti opposta tat-triq. Ix-xhud qal ukoll li huwa ma rax il-vettura misjuqa mill-intimat qabel seħħ l-inċident għaliex dak il-ħin kellu rasu baxxuta, iżda semagħha għaddejja minn miegħu. Qal ukoll li l-ħoss kien qawwi, u għalhekk huwa kkonkluda li din kienet għaddejja b'ċerta veloċità. Ix-xhud qal li minkejja li r-rikorrent sab ruħu mal-art mad-daqqa, dan

irnexxielu jqum waħdu. Ix-xhud ikkonkluda billi qal li dak allegat mill-intimat, li r-rikorrent kien ġej mid-direzzjoni tal-Munxar, mhux minnu għaliex hu ra lil Parnis għaddej minn quddiemu, u għalhekk huwa impossibbli li dan kien ġej mill-Munxar.

7. Fix-xhieda tiegħu l-**PC 102 Anthony Portelli** spjega li huwa kien assista lis-Surġent Johan Said fl-investigazzjoni tiegħu, u hekk kif il-Pulizija waslu fuq il-post dawn raw *tractor* bir-rota tan-naħa tal-lemin imqaċċta u vettura b'daqqa fuq quddiem. Qal li minkejja li xħin huma waslu fuq il-post kien diġà dalam, it-triq hija mdawla tajjeb.

8. Il-**PS 342 Johan Said** xehed li xħin waslu l-Pulizija fuq il-post tal-inċident kien dalam, iżda li t-triq hija mdawla tajjeb, u qal li dak kollu li sab fuq il-post huwa mniżżel fl-iskizz imħejji minnu. Qal li barra l-pożizzjoni tal-vetturi, hu ħa wkoll kejl tad-distanza tal-għalqa fejn kien wieħed mix-xhieda, sal-post fejn seħħ l-impatt. Ix-xhud qal ukoll li ma kien hemm xejn li kellu jostakola l-viżwali fit-triq.

9. Ir-rikorrent **Joseph Parnis** qal li huwa kien qiegħed bit-*tractor* f'għalqa li tinsab faċċata tal-għalqa ta' Paul Cardona. Qal li hekk kif ħareġ mill-għalqa qabad it-triq prinċipali li twassal lejn ix-Xlendi, u ried jikser lejn il-lemin fid-direzzjoni lejn Kerċem. Spjega li l-impatt seħħ hekk kif huwa kien qiegħed idur lejn Kerċem, u mal-impatt waħda mir-roti tat-*tractor* inqalgħet. Kompla jgħid li l-viżwali fit-triq hija tajba, u d-daqqa ħadha mal-ġenb tal-lemin tat-*tractor.* Qal li mad-daqqa, it-*tractor* intrefa' u huwa sab ruħu fl-art. Kompla jgħid li qabel

ħass id-daqqa, huwa fl-ebda ħin ma ra l-vettura ġejja mid-direzzjoni opposta. Ir-rikorrent qal li t-*tractor* m'għandux mirja, iżda għandu *headlamps,* li fil-ħin tal-inċident kienu mixgħulin.

10. Il-partijiet ippreżentaw quddiem it-Tribunal kopja tar-rapport tal-Pulizija, minn fejn jirriżulta li l-intimat fl-ewwel stqarrija tiegħu lill-Pulizija qal li l-inċident seħħ waqt li huwa kien nieżel lejn ix-Xlendi mit-triq prinċipali, meta f'ħin minnhom qasamlu *tractor* li kien nieżel mid-direzzjoni tal-Munxar. L-intimat stqarr li għalkemm ipprova jevita lir-rikorrent, huwa xorta waħda laqtu bil-vettura tiegħu, għaliex it-*tractor* ma laħaqx qasam minn naħa għal oħra tat-triq.

**<u>Id-Deċiżjoni Appellata</u>**

11. Permezz tal-lodo arbitrali mogħti fit-23 ta' Awwissu, 2018, it-Tribunal ċaħad it-talbiet kollha mressqa mir-rikorrent, laqa' l-ewwel żewġ eċċezzjonijiet tal-intimat fir-rigward tar-responsabbilità għall-inċident, u sab li r-rikorrent Joseph Parnis huwa unikament responsabbli għal dak li seħħ, u dan wara li għamel is-segwenti konsiderazzjonijiet:

> *"Illi bħal ma jiġri solitament fi proċeduri simili għal dawk odjerni, il-verżjonijiet tal-partijiet huma kunfliġġenti u opposti għal xulxin. Huwa għalhekk li l-Arbitru sejra tgħaddi sabiex tevalwa x'inhuma dawk ix-xhieda u l-provi indipendenti li jwasslu lill-istess tiddeċiedi, fuq bilanċ ta' probabbiltajiet, min għandu jerfa' r-responsabbilità għal dan l-inċident.*

*Fis-sentenza mogħtija mill-Onorabbli Prim'Awla tal-Qorti Ċivili fl-ismijiet* ***<u>Audrey Murphy gia Audrey Delia Murphy vs Mark Anthony Delia</u>*** *ingħad li meta jkun hemm verżjonijiet kunfliġġenti, għandha tkun favorita t-teżi tal-parti li kontra tagħha tkun saret l-allegazzjoni:*

*"Iżda fejn hemm verżjonijiet li dijametrikament ma jaqblux, u li t-tnejn jistgħu jkunu plawsibbli il-prinċipju għandu jkun li tkun favorita t-teżi tal-parti li kontra tagħha tkun saret l-allegazzjoni (28.4.2004 fil-kawża fl-ismijiet* ***Frank Giordmaina Medici et vs William Rizzo et)****. Ladarba min kellu l-obbligu li jipprova dak li jallega ma jseħħlux iwettaq dan, il-parti l-oħra m'għandhiex tbati tali nuqqas u dan bi qbil mal-prinċipju li* actore non probante reus absolvitur *(18.5.2009 fil-kawża fl-ismijiet* ***Col. Gustav Caruana noe et vs Air Supplies and Catering Co. Ltd.)****."*

*Illi dan ir-raġunar ġie kkonfermat f'bosta sentenzi oħra, fosthom dik mogħtija riċentement fit-22 ta' Ottubru 2015 fl-ismijiet* ***<u>Untours Insurance Agency Limited noe et vs Ramona Cutajar Dalli,</u>*** *liema proċeduri kienu ukoll jittrattaw inċident stradali, fejn il-Qorti saħqet li meta tkun rinfaċċjata b'verżjonijiet differenti għandu jkun ir-rikorrent, li jallega li xi ħaġa ġratlu b'tort tal-intimat, li jipprova a sodisfazzjoni tagħha li l-intimat verament kellu tort għall-akkadut.* ***<u>Fin-nuqqas, l-azzjoni rikorrenti ma jistax ikollha eżitu favorevoli.</u>***

*"F'kawża ċivili l-attur li jallega li xi ħaġa ġratlu b'tort tal-konvenut irid jipprova huwa a sodisfazzjoni tal-Qorti li l-konvenut kellu tort.* ***<u>Jekk l-attur ma jġibx din il-prova l-azzjoni tiegħu ma jistax ikollha eżitu favorevoli</u>****, anke jekk il-konvenut ma jipprovax, għaliex legalment mhux obbligat li jipprova li l-inċident ikun ġara tort tal-attur. Dan mhux għaliex it-tort għall-inċident ikun tal-attur imma sempliċement għaliex ma jkunx irnexxielu jipprova dak li allega bħala bażi tal-azzjoni tiegħu." (Ara Dr. H. Lenicker vs J. Camilleri, 31 ta' Marzu tas-sena 1972 P.A.R.F.)".*

*Fil-kawża* ***Schraffrath vs Travel ITV plc*** *(deċiża fit-28 ta' Ġunju tas-sena 2001), intqal: "Attur irid jipprova l-każ tiegħu u dan fi grad xieraq kif imfisser fir-regoli ewlenin tal-liġi tal-proċedura u skont il-ħaqq. Attur ma jistax ineħħi minn fuqu dan l-obbligu billi jappella għas-sens ta' ħniena jew dehen arbitrali tal-ġudikant mingħajr ma jagħti ħjiel ta' prova ta' dak li jitlob."*

*Bl-istess mod, fis-sentenza mogħtija fl-ismijiet* ***<u>Christopher Charles Glackin vs John Debono</u>*** *(3 ta' Ottubru 2013) ingħad is-segwenti:*

*"F'sitwazzjonijiet simili ta' apprezzament ta' fatti huma kwistjonijiet tal-aktar kredibbilità ta' verżjoni jew oħra li jikkonvinċu lill-ġudikant dwar dak li qed issostni parti u l-oħra tiċħad. Kif qalet il-Qorti fi* ***Xuereb vs Gauci et****, App. Sup. 24/03/2004 fejn hemm konflitt ta' verżjonijiet il-Qorti għandha tagħraf tislet minn dawn il-provi korroborazzjoni li tista' tikkonforta xi waħda miż-żewġ verżjonijiet bħala li tkun aktar kredibbli u attendibbli minn oħra u fin-nuqqas tiġi applikata l-massima* actore non probante reus absolvitur."

*Huwa għalhekk li l-Arbitru għandha tikkonsidera jekk, mill-provi prodotti mill-partijiet tul dawn il-proċeduri, ir-rikorrenti jirnexxilux jipprova li l-verżjoni mogħtija minnu hija aktar verosimili minn dik mogħtija mill-intimat.*

*Hekk kif jirriżulta mill-atti proċesswali, ir-rikorrent sostna li huwa kien ħareġ mill-għalqa tiegħu (fejn immarka b'salib fuq id-dokument markat bħala Dok. JP1) u qabad "it-triq prinċipali fid-direzzjoni tax-Xlendi" u li, hekk kif kien se jikser għat-Triq ta' Għajn Tuta, ġiet il-vettura tal-intimat minn warajh u laqtitu. A tempo vergine, l-istess rikorrent saħaq illi, "Kont ġej min-naħa tal-Għajn għal Għajn Tuta. Ġiet karozza minn warajja u laqtitni. Id-dawl tat-tractor kien mixgħul u tfejtu jien wara l-ħabta."*

*Din il-verżjoni tikkontrasta bil-kbir mal-verżjoni a tempo vergine tal-intimat fejn qal lill-pulizija li kienu aċċedew fuq il-post tal-inċident de quo li huwa kien nieżel lejn ix-Xlendi mit-triq prinċipali meta qasamlu t-"tractor (tar-rikorrent) minn triq li tiġi mill-Munxar u tinsab taħt il-Munxar għal triq li tieħdok lejn Ta' Kerċem minn Għajn Tuta" u li minkejja li prova jevita l-inċident ma rnexxilux jiskapulah.*

*In vista tal-premess, huwa evidenti illi l-akbar diskrepanza bejn iż-żewġ verżjonijiet tal-partijiet kontendenti kienet propju dik ta' minn fejn kien ġej ir-rikorrent eżatt qabel ma seħħ l-impatt. Dan l-għaliex filwaqt li r-rikorrent qal li ħareġ mill-għalqa tiegħu ħafna aktar 'l isfel mis-sit tal-inċident u li għalhekk kien ilu jsuq fit-triq prinċipali li tagħti għax-Xlendi, l-intimat saħaq li eżatt qabel ma seħħ l-impatt, ir-rikorrent kien għadu kif ħareġ minn triq li tiġi mill-Munxar, li għandha* stop sign*, u li proprju tagħti għat-triq prinċipali tax-Xlendi li fiha seħħ l-inċident de quo.*

*Fid-dawl ta' dan ix-xenarju, l-Arbitru ħasset il-ħtieġa li tagħmel referenza għall-*aerial view photos *provdut mis-sit elettroniku* google maps*, kopja ta' liema qed jiġu hawn annessi, u dan sabiex tanalizza b'mod aħjar il-konfigurazzjoni tat-triq u konsegwentement tasal għad-dinamika tal-inċident in deżamina. Hawn l-Arbitru hija kostretta tirrimarka illi għalkemm ir-rikorrent immarka fuq il-pjanta markata bħala*

*Dok. JP1 il-post minn fejn ħareġ għal fuq it-triq prinċipali (u ċioe Triq ix-Xlendi), fuq il-lok tal-inċident ma jirriżultax minn fejn effettivament ħareġ; lanqas ma jirriżulta mill-atti proċesswali fejn eżattament hija sitwata l-għalqa tar-rikorrent. Li huwa żgur hu li, mill-bidu tat-triq sa fejn seħħ l-impatt, l-ewwel triq laterali fid-direzzjoni tax-Xlendi hija Triq Munxar.*

*Dan premess, in kontro-eżami, ir-rikorrent jistqarr illi, "Jiena kont ħriġt mill-għalqa li mhix indikata fl-isketch peress li tinsab aktar 'il fuq lejn id-direzzjoni tar-Rabat.* ***Nikkalkula li minn fejn seħħ l-impatt sal-għalqa tiegħi hemm madwar 300 metru tul****; distanza pjuttost konsiderevoli!*

*L-Arbitru tinnota wkoll dak li ngħad mix-xhud Paul Cardona, li għalkemm saħaq li ma rax l-inċident iseħħ u li ħares biss wara li sema' l-ħabta, jidher illi hemm diversi inkonsistenzi u kontradizzjonijiet bejn dak li xehed l-imsemmi Cardona u dak li qal ir-rikorrent, fosthom:*

*1. Paul Cardona saħaq illi hemm distanza ta' tmenin (80) metru minn fejn kien hu għal fejn seħħ l-inċident (u mhux 300 metru kif iddikjara r-rikorrent in kontro-eżami); dan għalkemm "<u>lir-rikorrent nafu għaliex għandu għalqa ħdejn tiegħi, li tinsab faċċata tiegħi, magħrufa bħala 'is-Saqwi'</u>";*

*2. L-istess xhud tenna illi* ***minn meta ra lir-rikorrent ħiereġ mill-għalqa tiegħu sa meta sema' l-ħoss tal-brake <u>għaddew biss ftit sekondi</u>, "żgur mhux aktar minn minuta".*** *F'dan ir-rigward, l-Arbitru ma tistax ma tinnotax li din id-dikjarazzjoni tikkontrasta bil-kbir ma' dak allegat mir-rikorrent innifsu, partikolarment għaliex ma jidhirx li qiegħed jiġi kontestat illi "peress li kont qed insuq tractor <u>il-veloċità tiegħi kienet waħda minima</u>." L-Arbitru għalhekk tistaqsi kif jista' jkun li tractor miexi b'veloċità* ***minima*** *jsuq distanza ta' tmenin metru (jew saħansitra tliet mitt metru) fi "ftit sekondi"?!?*

*3. Għalkemm mhux pertinenti għall-kawża prossima tal-inċident, l-istess Paul Cardona saħaq ukoll illi, "****Naf li t-tractor kellu d-dawl mixgħul".*** *Iżda,* ***a tempo vergine,*** *fid-dikjarazzjoni li tah lill-pulizija, huwa saħaq illi "****Dwal ma nafx kellux."***

*Bl-istess mod, l-Arbitru ma tistax ma tqisx il-fatt illi hemm bosta inkonsistenzi fid-depożizzjoni tar-rikorrent innifsu. <u>In eżami</u>, huwa saħaq illi, "****Hekk kif wasalt viċin it-triq laterali, ħarist lura biex nara jekk kienx ser jaqlani xi ħadd u ma kien hemm ħadd. Għalhekk bdejt nikser lejn Kerċem. Hekk kif qed indur lejn Kerċem sar l-impatt. Meta qlajt l-impatt ir-rota ta' wara tat-tractor kienet fuq il-linja tan-nofs.***

***Bħala viżwali, dawn huma tajbin. Nikkalkula li stajt nara madwar 100 metru fid-direzzjoni lejn il-Fontana. ... Jien fl-ebda ħin ma rajt il-vettura qabel ma ħassejt id-daqqa. Dan anke għaliex kont moħħi wkoll x'hemm quddiem. It-tractor tiegħi ma għandux mirja. ... Nikkalkula li jien kont pożizzjonat fejn jidher ċirku bl-ittra "A" fuq Dok. JS1."***

*in kontro-eżami però, huwa imbagħad tenna illi, "**Meta għidt fix-xhieda li jiena ħarist lura hekk kif qrobt lejn it-triq laterali, nikkalkula li kien hemm distanza ta' madwar 30 metru. Nimmarka b'salib u ċirku fuq id-dok. JS1 il-pożizzjoni approssimattiva tiegħi. Jiena peress li ma rajt lil ħadd ġej, naħseb li qlajt xi ftit għad-dritt u ċioe bdejt nilwi lejn il-lemin kważi immedjatament ...** Meta seħħ l-impatt, jiena kont għadni ma wasaltx bi dritt fit-triq laterali. **Iżda minix f'pożizzjoni ngħid bi preċiżjoni fejn seħħ l-impatt. Niċħad però dak li qed jiġi suġġerit lili illi l-impatt seħħ fejn hemm il-kliem "oil spill + debris" fuq id-Dok. JS1."***

*Fiċ-ċirkostanzi u tenut kont partikolari tal-konfigurazzjoni tat-triq in diżamina, jidher ċar illi l-kawża prossima ta' dan l-inċident hija l-fatt li r-rikorrent innifsu ma kienx qiegħed iżomm* "a proper lookout"*, 'l għaliex li kieku dak li saħaq hu stess kien minnu u li kellu viżwali ta' mitt (100) metru fid-direzzjoni lejn il-Fontana, seta' faċilment jintebaħ bil-vettura tal-intimat, iktar u iktar meta din it-triq prinċipali hija waħda għad-dritt u li, bħala viżwal, huwa stess saħaq illi kienu tajbin. Barra minn hekk, jekk wieħed jagħti ħarsa l-*aerial view photos *(hawn annessi), jista' faċilment jintebaħ illi t-triq laterali li tagħti mill-Munxar għal Triq il-Għajn tinsab prattikament faċċata tat-triq laterali li tagħti minn Triq il-Għajn għal Triq Għajn Tuta (lejn Kerċem), proprju fejn ried jidħol ir-rikorrent. Tenut kont ta' dak li ngħad mix-xhud Paul Cardona (u ċioe li minn meta r-rikorrent ħareġ mill-għalqa tiegħu sa meta seħħ l-impatt għaddew ftit sekondi) huwa aktar verosimili illi r-rikorrent ħareġ mill-imsemmija triq. Kien proprju għal din ir-raġuni li l-impatt fuq it-*tractor *seħħ fuq ir-rota leminija ta' wara.*

*Fiċ-ċirkostanzi, l-Arbitru tinsab konvinta biċ-ċertezza morali kwiżita mil-Liġi illi l-verżjoni tal-intimat hija aktar verosimili, u li l-kawża prossima tal-inċident kien proprju l-fatt li r-rikorrent ħareġ mit-triq laterali (li tiġi mill-Munxar għat-triq prinċipali tax-Xlendi), liema triq laterali tħaddan* stop sign *u li minkejja dan, ir-rikorrent ħareġ minn din l-imsemmija triq mingħajr ma ħa l-prekawzjonijiet neċessarji.*

*L-Arbitru tagħmel riferenza għas-sentenza mogħtija mill-Onorabbli Qorti tal-Appell (Sede Inferjuri) bl-ismijiet* ***Yolanda Attard vs Citadel Insurance plc****, fis-16 ta' Diċembru 2015, fejn ġie ritenut illi:*

> *"Minn ritratt li hemm fl-atti hu evidenti li l-vettura tar-rikorrenti ma waqfitx fuq is-sinjal STOP. L-angolatura tal-vettura ma tħalli ebda dubju li fit-tarf tat-triq sekondarja l-vettura tar-rikorrenti kienet fuq il-lemin ta' fejn jidher is-sinjal STOP.*
> *...*
> *Il-Qorti hi tal-fehma li l-Arbitru kien ġustifikat jikkonkludi li "Attard kienet in parti responsabbli għall-ħabta għaliex ħarġet minn* Stop sign *mingħajr l-attenzjoni meħtieġa u fil-mument tal-ħabta kienet qiegħda ssuq 'il quddiem waqt li kienet qed tħares fuq ix-xellug u ma kinitx rat il-vettura l-oħra".*
>
> *Il-fatt li minn fuq il-lemin tar-rikorrenti mhux suppost jgħaddu vetturi, ma jfissirx li qabel ħarġet fit-triq prinċipali ma kellhiex tħares fuq il-lemin tagħha.* ***Xufier attent irid jieħu l-prekawzjonijiet kollha qabel jirfes fi triq prinċipali****."*

*Rigwardanti l-allegazzjoni da parti tar-rikorrent li l-intimat kien qiegħed isuq b'veloċità eċċessiva, l-Arbitru tqis illi ma tressqet l-ebda prova konvinċenti biżżejjed sabiex tissussisti tali allegazzjoni, liema obbligu kien jinkombi unikament fuq ir-rikorrent innifsu. Dan ġie ritenut fis-sentenza mogħtija mill-Onorabbli Prim Awla tal-Qorti Ċivili fis-27 ta' Jannar 2011 fl-ismijiet* ***Saviour Cutajar vs Julian Attard*** *fejn ingħad:*

*"Illi fi kliem ieħor l-attur qiegħed jgħid illi li kieku l-konvenut kien qiegħed isuq bil-galbu kien jilħaq jilmaħ lill-attur jaqsam it-triq, iżda sforz il-veloċità li biha kien qed isuq l-attur ma laħaqx lemħu jaqsam it-triq.*

***Illi jingħad li f'każijiet bħal dawn irid jiġi investigat x'kienet il-kawża prossima tal-inċident tenut kont tad-drittijiet u r-responsabbiltajiet ta' kull wieħed mill-utenti tat-triq,*** *u ċioe kemm tas-sewwieq kif ukoll ta' dak li l-mezz tiegħu ma kinitx vettura mekkanizzata iżda riġlejh, għaliex anke dawn huma utenti tat-triq b'obbligi inkombenti fuqhom.*

*Illi skont l-artikoli 1030* et sequitur *tal-Kodiċi Ċivili, huwa responsabbli għad-danni dak li jikkaġuna ħsara lil ħaddieħor minħabba tort da parti tiegħu b'riżultat ta' nuqqas ta' prudenza, diliġenza u attenzjoni ta' bonus paterfamilias.* ***Il-prova illi l-konvenut huwa hekk responsabbli tinkombi fuq l-attur li ppropona l-proċeduri,*** *għaliex kif ġie ritenut fil-kawża fl-ismijiet* ***"Dr H. Lenicker vs H. Camilleri"****:*

***"Jekk l-attur ma jġibx din il-prova, l-azzjoni tiegħu ma jistax ikollha eżitu favorevoli (anki jekk il-konvenut ma jipprovax – għaliex legalment mhux obbligat li jipprova – li l-inċident ikun ġara tort tal-attur)."***

***Illi l-provi jikkonfermaw bħala minnu illi l-attur bid-daqqa spiċċa wara l-vettura misjuqa mill-konvenut. Dan mhux biss jixhdu l-konvenut innifsu iżda huwa konfermat min-natura tal-ħsarat li ġarrbet il-vettura misjuqa mill-konvenut, fosthom ħsarat estensivi fis-saqaf tal-istess vettura. Però dan biss, u anke l-fatt li l-attur itenni li kienet il-veloċità eċċessiva li pprekludiet lill-konvenut milli jilmaħ lill-attur in tempo vergine u b'hekk jiġi evitat l-inċident, ma jfissirx illi l-konvenut kien imprudenti fis-sewqan tiegħu. Prova ta' dan hija,*** **inter alia*****, in-nuqqas ta'*** **brake marks*****. Li kieku l-konvenut lemaħ lill-attur, fl-istat ta' emerġenza li kienet tinħoloq żgur li l-konvenut kien jieħu dawk il-miżuri idonei sabiex iwaqqaf il-vettura tiegħu, liema azzjoni immedjata u evażiva kienet timmanifesta ruħha fi*** **brake marks** ***fi triq.*** *Illi minbarra dan wieħed ma jistax jinjora bħala fatt in-natura tat-triq li fiha seħħ l-inċident u l-limiti ta' veloċità permissibbli f'dawn il-kwalità ta' toroq.*

***Illi wara li eżaminat il-provi prodotti din il-Qorti tħoss li hija taqbel mal-perit legali li mill-atti ma jirriżultax li l-attur ipprova li l-konvenut kien qed isuq b'veloċità eċċessiva, u għalhekk l-allegazzjoni mressqa mill-attur ma ġietx ipprovata ...***

***Partikolarment dwar il-veloċità eċċessiva ngħad fis-sentenza fl-ismijiet*** **"Elmo Insurance Agency Limited noe et vs Awad Elbir"** *(P.A. – 13 ta' Ottubru 2003, Nru. 1382/2001) illi: "****il-prinċipji rikonoxxuti fil-ġurisprudenza*** **"in civilibus"** ***rigward l-effett ta' veloċità eċċessiva tal-*****'main road user'** ***fuq id-determinazzjoni tar-responsabbilità tas-sinistru, ġie kostantement ritenut illi waqt li l-veloċità eċċessiva għal dik regolamentari, jekk tirriżulta pruvata, tesponi lid-driver għall-proċeduri kriminali kontra tiegħu għall-vjolazzjoni tar-regolamenti tas-sewqan apositu, tali veloċità eċċessiva fiha nfisha ma tistax titqies*** **a priori** ***bħala fattur determinanti għar-responsabbilità għall-inċident jew kontributorju għalih. Irid jiġi stabbilit sodisfaċentement illi l-veloċità eċċessiva kienet l-element determinanti li pprovoka l-inċident u li tista' titqies bħala l-kawża prossima tal-akkadut, jew li jkun ikkontribwixxa b'mod rilevanti għall-aggravament tad-danni kaġjonati mill-istess sinistru."***

*... illi din il-konsiderazzjoni bl-ebda mod ma teżimi lill-attur mir-responsabbiltajiet tiegħu bħala utent tat-triq u dan anke fil-kuntest tal-fatt li* ***sabiex it-talbiet tal-attur kontra l-konvenut jintlaqgħu jinħtieġ li jiġi ppruvat, fuq bilanċ ta' probabbiltajiet,***

***illi l-konvenut tassew kien qiegħed isuq b'mod negliġenti, b'imperizja u b'nuqqas ta' ħarsien tar-regolamenti tat-traffiku u li huwa kien allura l-kawża prossima tal-inċident.***

***Illi mill-provi prodotti din il-Qorti taqbel mal-perit legali li dan ma jirriżultax. Kull ma jirriżulta huwa illi l-konvenut kien qiegħed jipproċedi fi triqtu meta b'mod inaspettat – għaliex wara kollox ma tippretendix li ssib persuna taqsam minn fejn qasam l-attur – tfaċċa l-attur fit-triq.***

*Kien ikun ieħor l-argument li kieku l-konvenut lemaħ jew seta' jilmaħ lill-attur u minkejja li kien għaddej b'veloċità regolamentari iżda għolja naqas milli jieħu prekawzjonijiet meħtieġa sabiex jiġi evitat l-inċident.* ***Madanakollu, tenut kont tad-dinamika kollha tal-inċident, in-natura tal-ġrieħi li sofra l-konvenut (li minkejja li huma gravi ma humiex kompatibbli ma' veloċità eċċessiva – tant li l-attur wara l-inċident qam fuq saqajh waħdu), it-triq li fiha seħħ l-inċident, il-viżwali ta' entrambi l-attur u l-konvenut tal-ieħor li kienet toffri topografija tal-post, il-Qorti wkoll hija tal-fehma illi dan kollu ma joffrix konfort għat-teżi attriċi, u ċioe illi l-konvenut huwa responsabbli għall-inċident de quo għaliex dan kien qiegħed isuq b'mod negliġenti, b'imperizja u b'nuqqas ta' ħarsien tar-regolamenti tat-traffiku. Għall-kuntrarju, l-attur kien jaf ben tajjeb ir-riskji għalih innifsu li kien qiegħed jieħu meta qasam minn fejn qasam, u r-riżultat ta' dan ir-riskju m'għandux fiċ-ċirkustanzi jbatieh il-konvenut ...*** *u allura a bażi tal-provi prodotti u fid-dawl tal-fattispeċie kollha tal-każ, jirriżulta li l-impatt sar meta l-attur għażel li jaqsam it-triq* ***proprju meta l-konvenut kien viċin sew tiegħu u allura lanqas seta' jieħu azzjoni evażiva, għaliex jiġi li letteralment bl-azzjoni mhux maħsuba u sperikolata tiegħu ħasad lill-istess konvenut għal kollox****.*

***Illi għalhekk, mill-assjem tal-provi miġbura u fil-fehma ta' din il-Qorti jirriżulta li l-attur ma ppruvax l-allegazzjonijiet tiegħu u din il-Qorti tħoss li kien il-komportament tal-attur li kien il-kawża prossima tal-inċident b'dan li l-eċċezzjonijiet tal-konvenut qed jiġu milqugħa u t-talbiet attriċi qed jiġu miċħuda****."*

*Għalkemm huwa minnu li d-danni fuq iż-żewġ vetturi kienu pjuttost konsiderevoli, dan bl-ebda mod ma jfisser li tali fattur waħdu huwa prova konvinċenti biżżejjed li turi li l-intimat kien fil-fatt qiegħed isuq b'veloċità eċċessiva għal dik it-triq partikolari u li tali veloċità wasslet (jew ikkontribwiet) għall-inċident odjern. Għaldaqstant, fiċ-ċirkostanzi, l-Arbitru tqis li r-rikorrent ma ressaq ebda prova konkreta rigwardanti l-allegazzjoni tiegħu. Konsegwentement, fid-dawl ta' dak kollu suespost u ċitat, l-*

*Arbitru tikkonkludi li għal dan l-inċident jaħti unikament ir-rikorrent innifsu 'l għaliex jirriżulta b'mod ċar u inekwivoku illi kienet il-manuvra skonsiljata tiegħu li wasslet għal dan l-inċident.*

***Deċiżjoni***

*Għaldaqstant, fiċ-ċirkostanzi, l-Arbitru, filwaqt illi tiċħad it-talbiet kollha mressqa mir-rikorrent, tilqa' l-ewwel żewġ eċċezzjonijiet imressqa mill-intimat għal dak li jirrigwarda responsabbilità għall-inċident awtomobilistiku illi seħħ fit-3 ta' Ottubru 2012, fi Triq ix-Xlendi, Munxar, Għawdex, u ssib lill-imsemmi rikorrent Joseph Parnis unikament responsabbli għall-akkadut. Konsegwentement, in vista ta' dak appena deċiż, tastjeni milli tieħu konjizzjoni mit-tielet u mir-raba' eċċezzjoni intimati.*

*L-ispejjeż kollha relattivi għall-proċeduri odjerni għandhom jitħallsu interament mir-rikorrent."*

## L-Appell

12. L-appellant ippreżenta r-rikors tal-appell tiegħu fil-5 ta' Settembru, 2018, fejn talab lil din il-Qorti sabiex,

*"... jogħġobha tħassar u tirrevoka s-sentenza datata tlieta u għoxrin (23) t'Awwissu, tas-sena elfejn u tmintax (2018) għar-raġunijiet premessi u minflok tilqa' t-talbiet tar-rikorrenti kif dedotti bl-ispejjeż kontra l-intimat appellat."*

13. L-appellant jgħid li huwa jħoss ruħu aggravat bid-deċiżjoni tat-Tribunal minħabba diversi raġunijiet li ġew elenkati minnu fir-rikors tal-appell: (i) fl-ewwel lok, l-appellant jagħmel riferiment għal dik il-parti tad-deċiżjoni appellata fejn jintqal illi t-Tribunal ħass il-ħtieġa li jagħmel riferiment għall-*aerial view photos* ipprovduti mis-sit elettroniku *google maps,* li kopja tagħhom ġew annessi mit-Tribunal innifisu mad-deċiżjoni appellata. Żied jgħid

li meta għamel hekk, it-Tribunal żied prova oħra fl-atti, meta dan ma setax isir. Spjega li mill-proċess diġà jirriżultaw provi biżżejjed li joffru stampa ċara tal-inħawi fejn seħħ l-inċident, kif ukoll tal-post minn fejn huwa ħareġ bit-*tractor,* u għalhekk ma kien hemm il-ħtieġa tal-ebda provi oħra li ma kinux fil-proċess. Qal li b'hekk impliċitament it-Tribunal qed jistqarr li ma kienx konvint mill-kwalità tal-provi li kienu jinsabu fil-proċess, u għalhekk ħass il-ħtieġa li jagħmel riferiment għal provi li ma kinux jinsabu fil-proċess. Qal li l-*aerial photos* kellhom impatt fuq id-deċiżjoni tat-Tribunal, u d-deċiżjoni arbitrali mhijiex ibbażata fuq provi li kienu miġbura fil-proċess. L-appellant qal li dan imur kontra d-dettami tal-ġustizzja naturali, b'tali mod li jippreġudika l-jeddijiet tal-appellant, li ma setax jirribatti dawn il-provi waqt il-proċeduri li nżammu quddiem it-Tribunal, u huwa ma ngħatax l-opportunità li jindika bi preċiżjoni fuq l-*aerial photos* fejn kien il-post minn fejn ħareġ bit-*tractor*. L-appellant qal li in vista tal-fatt li dan l-aġir tat-Tribunal jammonta għal ksur tal-prinċipji tal-ġustizzja naturali, din il-Qorti għandha tuża d-diskrezzjoni tagħha sabiex tiddisturba l-konklużjonijiet tat-Tribunal, li l-appellant isostni li huma manifestement żbaljati; (ii) it-Tribunal għamel apprezzament żbaljat tal-provi, li wassal biex ċerti konklużjonijiet fid-deċiżjoni appellata huma fallaċi u ma jirriflettux il-verità tal-fatti mertu ta' dawn il-proċeduri. L-appellant jgħid li t-Tribunal ma kkonsidrax ix-xhieda prodotti minnu, u naqas milli jieħu konjizzjoni tal-fatt li x-xhieda ta' Paul Cardona u tal-appellant kienu konsistenti, fis-sens li t-tnejn li huma kkonfermaw li l-appellant kien ġej mid-direzzjoni tat-Triq tal-Għajn, u sussegwentement qabad it-triq prinċipali fid-direzzjoni lejn ix-Xlendi. L-appellant iżid jgħid li kuntrarjament għall-

konklużjoni tat-Tribunal li kien hemm diversi inkonsistenzi fix-xhieda, jekk wieħed kellu jagħrbel dak li qal l-appellant u dak li qalu x-xhieda prodotti minnu, isib li dawn huma pjuttost simili ta' xulxin. Żied jgħid li m'hemm l-ebda raġuni għalfejn ix-xhieda ta' Paul Cardona għandha tiġi injorata, partikolarment meta kien Cardona li kkonferma li l-appellant kien għadu kif ħareġ mill-għalqa għaliex ftit tal-mumenti qabel kien rah ħiereġ. L-appellant kompla jgħid li t-Tribunal naqas milli jagħmel evalwazzjoni sħiħa tal-provi, partikolarment meta skarta x-xhieda ta' Paul Cardona u aċċetta x-xhieda tal-intimat bħala waħda veritiera, minkejja li l-uniku xhud għall-parti intimata kien l-intimat stess. L-appellant jgħid ukoll li t-Tribunal kien skorrett meta qal li ma jirriżultax minn fejn ħareġ l-appellant, jew li mill-atti ma jirriżultax l-għalqa tiegħu fejn tinsab sitwata. L-appellant qal li huwa stess ippreżenta quddiem it-Tribunal kopja ta' pjanta tal-lokal, fejn immarka bi vleġġa s-*side street* li kien sejjer fiha, u għalhekk ma jistax jintqal li mill-atti ma jirriżultax hu minn fejn ħareġ. Qal ukoll li l-għalqa tiegħu qiegħda bejn il-Fontana u l-post fejn seħħ l-impatt, fatt dan li ġie kkonfermat kemm mill-appellant kif ukoll mix-xhud Paul Cardona. L-appellant qal li l-intimat ma ppreżenta l-ebda xhud sabiex jikkorrobora l-allegazzjoni tiegħu li l-appellant kien ġej minn *side street*; (iii) it-tielet aggravju tal-appellant huwa fir-rigward ta' dik il-parti tad-deċiżjoni appellata fejn it-Tribunal qal li huwa aktar verosimili li r-rikorrent ħareġ minn *side street,* u kien proprju għalhekk li l-impatt fuq it-*tractor* seħħ fuq ir-rota leminija ta' wara. L-appellant jgħid li huwa kompletament inveritier li jibqa' jintqal li huwa ħareġ minn *side street* li ġejja mill-Munxar, kif baqa' jallega l-appellat, u l-verżjoni mogħtija minnu, l-appellant, hija kkonfermata minn xhud

okulari li ra l-inċident iseħħ. Minkejja dan iżda, qal l-appellant, it-Tribunal għażel li jemmen il-verżjoni tal-intimat; (iv) fid-deċiżjoni appellata, it-Tribunal jagħmel riferiment għal dik il-parti tax-xhieda ta' Paul Cardona fejn dan qal li bejn xħin ra l-aħħar lill-appellant u xħin seħħ l-inċident, ma kinitx għaddiet aktar minn minuta, u konsegwentement it-Tribunal wasal għall-konklużjoni li l-appellant ma setax laħaq saq diversi metri bit-*tractor* f'ħin daqshekk qasir. L-appellant jgħid li din il-konklużjoni tat-Tribunal hija waħda skorretta u ma tistax titqies li hija realistika. L-appellant qal li anki li kieku jirriżulta li huwa kien qiegħed isuq b'veloċità ta' għoxrin kilometru fis-siegħa, f'minuta kellu jkopri distanza ta' diversi metri, kuntrarjament għall-konklużjoni li wasal għaliha t-Tribunal; (v) l-appellant qal ukoll li huwa ma jistax jifhem għal liema raġuni t-Tribunal ikkonkluda li huwa ma kienx qiegħed iżomm *a proper lookout,* partikolarment meta l-impatt seħħ mal-parti ta' wara tat-*tractor* fuq il-ġenb tal-lemin tiegħu. L-appellant jgħid li huma diversi l-insenjamenti li jgħidu li s-sewwieq tal-vettura ta' wara għandu jinżamm responsabbli għas-sinistru stradali, sakemm dan ma jippruvax li kien is-sewwieq tal-vettura ta' quddiem li aġixxa in vjolazzjoni tar-regolamenti tat-traffiku u li pprovoka l-inċident. L-appellant saħaq li huwa kien miexi għad-dritt fit-triq prinċipali, u meta seħħ l-impatt kien diġà beda jagħmel manuvra biex jikser lejn it-triq laterali li tagħti għal Għajn Tuta, Kerċem. Żied jgħid li huwa għamel dan filwaqt li baqa' jottempera ruħu mar-regolamenti tas-sewqan, u jżomm *a proper lookout.* Kompla jgħid li huwa ta spjegazzjoni dettaljata ta' dan fix-xhieda tiegħu quddiem it-Tribunal, li hija l-verità. L-appellant kompla jgħid li mill-provi prodotti f'dawn il-proċeduri, għandu jirriżulta li fil-ħin meta seħħ l-inċident, ir-

roti ta' quddiem tat-*tractor* kienu diġà qabżu il-*crown of the road,* u mal-impatt, ir-rota l-kbira tan-naħa tal-lemin inqalgħet minn mat-*tractor* u spiċċat fl-art. Żied jgħid li min-naħa tiegħu huwa ħa kull prekawzjoni meħtieġa u kien l-appellat li ma żammx id-distanza raġonevoli, naqas milli jottempera ruħu mar-regolamenti tat-traffiku u naqas milli jeżerċita l-attenzjoni meħtieġa għal dak li kien qiegħed jiġri quddiemu; (vi) l-appellant għamel riferiment għal dik il-parti tad-deċiżjoni appellata fejn intqal li ma tressqet l-ebda prova li l-appellat kien qiegħed isuq b'veloċità eċċessiva. Kompla jgħid li dan mhux minnu, u huwa rnexxielu jġib il-provi rikjesti li l-appellat kien qiegħed isuq b'veloċità eċċessiva, u li kien konsegwenza ta' dan li l-appellat ma rax lill-appellant jaqsam it-triq. L-appellant żied jgħid li filwaqt li hija norma aċċettata li Qorti fit-tieni grad ma tiddisturbax l-apprezzament tal-provi li jkun sar mill-Ewwel Qorti, f'dan il-każ it-Tribunal, din il-Qorti hija fid-dmir li tissindika jekk id-diskrezzjoni tat-Tribunal ġietx eżerċitata korrettement, u jekk hemmx biżżejjed raġunijiet biex din il-Qorti tiddipartixxi mill-konklużjonijiet tat-Tribunal.

**<u>Konsiderazzjonijiet ta' din il-Qorti</u>**

14. Din il-Qorti sejra tgħaddi sabiex tikkonsidra l-aggravji mressqa mill-appellant, flimkien mas-sottomissjonijiet tal-appellat, u dan fid-dawl tal-konsiderazzjonijiet magħmula mit-Tribunal fid-deċiżjoni appellata. Jibda biex jingħad li minkejja li Qorti ta' reviżjoni mhix mistennija li tagħmel valutazzjoni mill-ġdid tal-provi li jkunu nġabu quddiem it-Tribunal, quddiem it-tip ta'

aggravji sollevati mill-appellant f'kawża ta' din ix-xorta, huwa xorta waħda meħtieġ li l-Qorti tifforma l-opinjoni tagħha dwar il-mod kif seħħew il-fatti li wasslu għall-vertenza odjerna bejn il-partijiet.

15. Il-Qorti tirrileva illi f'kawżi ta' din ix-xorta fejn il-partijiet jieħdu pożizzjonijiet dijametrikament opposti għal xulxin, qabelxejn irid jiġi stabbilit liema huma l-punti li fuqhom m'hemm l-ebda kontestazzjoni, bit-tama li b'hekk tinbena stampa ċara ta' dak li jkun ġara u tkun tista' ssir ġustizzja mal-fatti kif ġraw. Jekk l-elementi mhux kontenzjużi tal-provi ma' jkunux suffiċjenti biex iwasslu lill-Qorti għal deċiżjoni, il-Qorti jkollha ddur fuq ix-xhieda li jkunu tressqu quddiem it-Tribunal, sabiex tara min minnhom kien l-aktar kredibbli u verosimili f'dak li qal.

*L-Ewwel Aggravju:* *it-Tribunal għamel riferiment għal* aerial photos *mniżżla minn* 'google maps' *sabiex waslet għad-deċiżjoni tagħha*

16. L-appellant jgħid li huwa ħassu aggravat bid-deċiżjoni appellata għaliex it-Tribunal fil-konklużjoni tiegħu, qal li kellu jagħmel riferiment għal *aerial photos* imniżżla minn '*google maps'* u li ma kinux parti mill-atti proċesswali sabiex seta' jkollu idea aktar ċara tal-post u tad-dinamika ta' kif seħħ l-inċident. L-appellant jallega li dan ifisser li t-Tribunal ma straħx fuq dak li jirriżulta mill-atti, u filwaqt li skarta provi li jirriżultaw mill-atti, ibbaża l-analiżi tiegħu fuq *aerial photos* li ma nġabux għall-attenzjoni tal-partijiet waqt is-smigħ tal-proċeduri arbitrali. L-appellant jgħid li dan jammonta għal leżjoni tal-

prinċipji tal-ġustizzja naturali, għaliex huwa ma ngħatax iċ-ċans li jagħmel is-sottomissjonijiet tiegħu dwar l-imsemmija *aerial photos*, u lanqas ma ngħata ċ-ċans li jimmarka fuq l-imsemmija *aerial photos* l-post eżatt fejn kien fil-ħin li seħħ l-inċident.

17. Filwaqt li l-appellant tul il-proċeduri quddiem it-Tribunal, kif ukoll quddiem din il-Qorti, insista li huwa kien ilu għal xi ħin isuq fil-parti d-dritta tat-triq li twassal għax-Xlendi, l-appellat sostna li fil-ħin tal-inċident l-appellant kien ħiereġ mill-parti tat-triq li mill-Munxar tagħti għat-triq prinċipali li twassal għan-niżla tax-Xlendi. Mill-atti jirriżulta wkoll li din kienet waħda mid-diffikultajiet ewlenin li kellu t-Tribunal sabiex seta' jasal biex jiddeċiedi l-vertenza li kellu quddiemu. It-Tribunal fl-ebda waqt ma qal li skarta għalkollox il-provi miġjuba mill-partijiet, jew li huwa wasal għall-konklużjoni tiegħu billi straħ fuq dokumenti li ma kinux jiffurmaw parti mill-proċess. Dak li għamel it-Tribunal kien li sabiex jippreċiża fejn kien eżattament il-post tal-inċident, u sabiex ikun jista' janalizza bl-aħjar mod il-kawża prossima tal-inċident, ħass il-bżonn li kellu jagħmel riferiment għal provi aktar oġġettivi minn dawk li tressqu quddiemu mill-partijiet. Wara kollox jirriżulta bl-aktar mod ċar li l-iskizz esebit in atti mhux skalat u għalhekk seta' kien hemm xi diskrepanzi bejn l-impressjoni mogħtija fl-iskizz ta' kif ġraw l-affarijiet, u dak li kien verament seħħ waqt l-inċident. In vista ta' dawn il-konsiderazzjonijiet, din il-Qorti ma ssib xejn x'tiċċensura f'dan l-aġir tat-Tribunal. Wieħed għandu jżomm quddiem għajnejh li l-proċeduri arbitrali huma maħsuba biex iwasslu għal deċiżjoni bbażata fuq l-ekwità, u għalhekk it-Tribunal jrid jagħmel dak kollu possibbli

sabiex jassigura li ssir ġustizzja mal-partijiet, anki fin-nuqqas ta' osservanza ta' formalitajiet li normalment jiġu segwiti f'proċess ġudizzjarju. In vista ta' dawn il-konsiderazzjonijiet, tqis li l-ewwel aggravju mhuwiex mistħoqq u tiċħdu.

*It-Tieni Aggravju:* *apprezzament żbaljat tal-provi*

18. L-appellant jgħid li t-Tribunal għamel apprezzament żbaljat tal-provi u ċerti konklużjonijiet milħuqa minnu huma fallaċi, għaliex pereżempju naqas milli jikkonsidra li l-verżjoni mogħtija mill-appellant tikkombaċja mal-verżjoni mogħtija minn Paul Cardona, li kien viċin il-post fejn seħħ l-inċident. L-appellant jgħid li kemm hu kif ukoll Cardona qablu li fil-ħin tal-inċident, l-appellant kien ġej mid-direzzjoni tal-Għajn, u t-Tribunal ma kienx korrett meta qalet li mill-provi ma jirriżultax l-appellant minn fejn kien ħareġ, jew liema kienet l-għalqa tiegħu.

19. Il-Qorti tqis illi mid-deċiżjoni appellata jirriżulta li t-Tribunal għamel analiżi dettaljata tal-provi kollha miġjuba quddiemu, u wasal għall-konklużjonijiet tiegħu abbażi ta' dak li qies li huwa kredibbli u verosimili. Quddiem ċirkostanzi fejn il-partijiet fi proċeduri arbitrali jagħtu verżjonijiet li huma dijametrikament opposti għal xulxin, il-ġudikant ta' bilfors ikollu jiskarta xi xhieda u jistrieħ fuq provi li jirriżultaw li jkunu aktar kredibbli, aktar verosimili u aktar oġġettivi minn oħrajn. Il-fatt li Paul Cardona xehed li kien qiegħed jaħdem f'għalqa fl-inħawi fejn seħħ l-inċident, li huwa wasal fuq il-post tal-inċident f'ħin qasir, u li huwa xehed li l-appellant laħaq saq distanza

konsiderevoli fil-parti d-dritta tat-triq qabel seħħ l-impatt, ma kienx biżżejjed biex jikkonvinċi lit-Tribunal li tabilħaqq l-appellant kien ilu ftit tal-ħin isuq fil-parti d-dritta tat-triq meta seħħ l-impatt, għaliex mill-provi l-oħra jirriżulta li dan ma kienx il-każ. Barra minn hekk din il-Qorti eżaminat il-provi miġjuba quddiem it-Tribunal u hija wkoll ma sabet l-ebda indikazzjoni dwar liema kienet l-għalqa li kien qiegħed jaħdem fiha l-appellant qabel seħħ l-inċident.

*It-Tielet Aggravju:* *l-appellant ħassu aggravat bil-parti tad-deċiżjoni tat-Tribunal li kkonkludiet li huwa aktar verosimili li huwa ħareġ minn* side street *milli li kien għaddej mit-triq prinċipali*

20. L-avukat difensur tal-appellant beda t-trattazzjoni tiegħu billi spjega li l-inċident seħħ fit-triq li mill-Fontana tieħu lejn ix-Xlendi, wara li l-appellant ħareġ minn għalqa li għandu fl-inħawi. Il-Qorti evalwat ukoll ir-*ratio decidendi* applikat mit-Tribunal, li kkonsidra li l-impatt ewlieni fl-inċident seħħ mar-rota ta' wara tal-lemin tat-*tractor,* li jfisser li d-dinamika tal-inċident kif deskritta fl-iskizz esebit[1] tikkombaċja b'mod li huwa ferm aktar verosimili mat-teżi li l-appellant ħareġ minn *side street* u kien proprju fl-inkroċju mat-triq ewlenija li seħħ l-inċident, milli li l-appellant kien ilu għaddej mit-triq prinċipali għal xi ħin. Il-mod kif seħħ l-impatt, mar-rota tal-lemin tat-*tractor*, huwa indizju mill-aktar ċar li l-appellant kien ħiereġ mis-*side street* fl-istess ħin li l-appellat kien nieżel mit-triq prinċipali, u l-appellant ma laħaqx ħareġ fit-triq fil-ħin biex l-appellat

[1] Dok. DG 9 *et seq*.

seta' jevitah. Kien għalhekk li seħħ l-impatt. Għalhekk tqis li dan l-aggravju mhuwiex ġustifikat, u tiċħdu

*Ir-Raba' Aggravju:* *It-Tribunal kien żbaljat meta qal li l-appellant ma setax saq id-distanza kif spjega Paul Cardona bit-*tractor

21. L-appellant jgħid li t-Tribunal kien żbaljat wkoll meta qal li ma jistax ikun li fil-ftit sekondi li kien hemm bejn meta Paul Cardona ra lill-appellant ħiereġ mill-għalqa u meta sema' l-impatt, l-appellant laħaq saq distanza ta' kważi mitt metru bi *tractor.* Il-Qorti tqis li din il-konsiderazzjoni tat-Tribunal kienet f'lokha, partikolarment meta l-appellant baqa' jinsisti fix-xhieda tiegħu li huwa kien ilu ftit tal-ħin mhux ħażin isuq fil-parti d-dritta tat-triq meta seħħ l-impatt minħabba l-veloċità eċċessiva li kien qiegħed isuq biha l-appellat. Ma jistax ikun li bil-veloċità li biha jinstaq *tractor* ikun possibbli li f'anqas minn minuta l-appellant joħroġ bit-*tractor* minn *side street* fejn għandu l-għalqa, u jsuq fit-triq prinċipali għal tul ta' ħin, sakemm b'mod inaspettat ġiet il-vettura misjuqa mill-appellat u baqgħet dieħla fih. Din l-ossevazzjoni tat-Tribunal kienet biss waħda mill-konsiderazzjonijiet li kkorroboraw id-diversi provi oġġettivi l-oħra mressqa, li fil-fatt l-appellant kien għadu ħiereġ minn *side street* u mhux minnu li kien ilu għaddej mit-triq prinċipali għal xi ħin.

*Il-Ħames Aggravju:* *dwar il-*proper lookout

L-appellant jgħid li ma jistax jifhem kif it-Tribunal wasal għall-konklużjoni li huwa naqas milli jżomm *proper lookout,* ladarba ġie stabbilit li huwa kien fil-parti d-dritta tat-triq u l-appellat kien qiegħed isuq warajh. Qal li huwa prinċipju stabbilit li f'ċirkostanzi simili għal dawn, ir-responsabbilità għall-akkadut tintefa' fuq is-sewwieq li jkun qiegħed isuq fuq wara, u għalhekk kien żbaljat it-Tribunal meta qal li l-appellant naqas milli jżomm *proper lookout.* Il-Qorti tqis li anki hawnhekk l-appellant huwa żbaljat, għaliex it-Tribunal fl-ebda waqt ma kkonkluda l-appellant kien qiegħed isuq fil-parti d-dritta tat-triq, jew li l-impatt seħħ minħabba li l-appellat baqa' dieħel fih minn wara. It-Tribunal stabbilixxa li l-inċident inkwistjoni seħħ meta l-appellant kien ħiereġ minn *side street,* u baqa' ħiereġ fit-triq prinċipali, mingħajr ma kkonsidra li min-naħa tal-lemin tat-triq kienet ġejja l-vettura misjuqa mill-appellat. Kien il-fatt li l-appellant ma stenniex il-vettura tal-appellat tgħaddi qabel ħareġ mis-*side street,* li wassal lit-Tribunal jikkonkludi li dan naqas milli jżomm *a proper lookout* fiċ-ċirkostanzi. Din il-Qorti tqis li hawnhekk ikun utli li tagħmel riferiment għas-sentenza fl-ismijiet **Anthony u Carmen konjuġi Cassar *vs* Joel Hili**[2], fejn insibu rassenja tal-insenjamenti ġurisprudenzjali dwar l-obbligi ta' *side road user* meta dan ikun ħiereġ f'*main road*:

> "Anke jekk dan l-eżerċizzju diġà sar mit-Tribunal, jokkorri, qabel kull konsiderazzjoni oħra, illi jiġu reġistrati ċerti prinċipji ta' dritt f'materja ta' kolliżjonijiet ko-involġenti "*main road user*" u "*side road user*":

[2] App. Ċiv. Inf. 26.04.2006.

(1) Is-*side road user* għandu l-obbligu li jċedi għat-traffiku fuq il-*main road,* li jesplora tajjeb il-*main road* qabel ma joħroġ fiha, u li jimxi *dead slow,* u saħansitra li jwaqqaf, biex u sakemm jaċċerta ruħu li jista' joħroġ bla ħsara. Il-*main road user* għandu wkoll l-obbligu li joqgħod attent fil-*cross roads,* imma l-grad ta' diliġenza li jinkombi lilu hu ferm anqas minn dak tas-*side road user,* għax hu ma jkunx qiegħed jiddisturba l-kors tat-traffiku, imma jkun miexi fuq triq dritta – **Maġġur Alfred Stagno Navarra *vs* Nicola Saliba et,** Appell Ċivili, 27 ta' Novembru, 1961; **Mark Sammut *vs* Maryse Germaine de la Fargue;** Appell Ċivili 2 ta' April 1976;

(2) Dan il-prinċipju jekkeġġja dak li kien intqal f'sentenza anterjuri, u ċioe, illi, "min ikun isuq karozza u jasal biex joħroġ fi triq prinċipali, għandu l-obbligu li qabel jesplora tajjeb it-traffiku transitanti fuqha; dan ma jfissirx illi min ikun isuq fi triq prinċipali huwa dispensat mill-obbligu ta' kull *road user* li juża d-diliġenza meħtieġa fis-sewqan, imma l-obbligu ta' min ikun ħiereġ fuq it-triq prinċipali huwa innegabilment ikbar" – **Major Roger Leigh Trapnell nomine *vs* Emmanuel Muscat;** Prim Awla tal-Qorti Ċivili; 26 ta' Ġunju 1946, per Imħallef W. Harding;

(3) "L-esplorazzjoni da parte tas-*side road user* għat-traffiku transitanti fuq triq prinċipali (*multo magis* fejn f'dan il-każ kellu *Stop Sign)* ma hijiex limitata għal waqfien f'tarf l-inkroċju, imma inoltre dan għandu jikkalkola jistax jaqsam wara li jistma l-veloċità tal-vetturi li jkunu qed joqorbu lejn l-inkroċju fit-triq prinċipali" – **Alexander Bartolo *vs* Kalċedon Micallef –** Prim Awla Qorti Ċivili, 16 ta' Frar, 1972. "L-obbligu tiegħu kien illi jieqaf zoptu <u>wara</u> l-linja indikata mal-art bħala l-limitu li oltre minnha hu ma setax isuq jekk mhux wara li jkun assigura ruħu li t-triq prinċipali kienet għal kollox *clear"* – **Aldo Cutajar *vs* Charles Magro –** Appell Sede Inferjuri, 27 ta' Ottubru 2000;

(4) Tibqa' pero dejjem valida wkoll l-osservazzjoni illi, "Il-*main road user* m'għandux, unikament għax u bħala tali, xi brevett ta' immunità minn kwalunkwe responsabbilità f'kull infortunju stradali li fih ikun ko-involt *side road user* – **Lawrence Montebello *vs* Vincent Gatt –** Appell Ċivili, 19 ta' Awwissu, 1966."

*Is-Sitt Aggravju:* *dwar il-veloċità eċċessiva li l-appellant jallega li kien qiegħed isuq biha l-appellat*

L-appellant jgħid li t-Tribunal ma kienx korrett meta kkonkluda li l-appellat ma kienx qiegħed isuq b'veloċità eċċessiva għaliex ma rriżultaw l-ebda marki tal-brejkijiet fit-triq. Imma jirriżulta li wara l-impatt fl-art kien hemm tixtrid ta' *fuel* kif ukoll *debris* taż-żewġ vetturi involuti fl-inċident, u mir-ritratti esebiti jidher ċar li kemm it-*tractor* kif ukoll il-vettura tal-appellat sofrew danni konsiderevoli. Il-Qorti tqis li fin-nuqqas ta' prova li l-appellat kien għaddej b'veloċità li tista' titqies li hija eċċessiva għal dawn l-inħawi, ma tistax tasal għal din il-konklużjoni b'mod gratuwitu. Ix-xhud Paul Cardona qal li sema' l-vettura tal-appellat mingħajr ma raha, għaliex kellu rasu baxxuta, u kien għalhekk li huwa wasal għall-konklużjoni li din kienet qiegħda tinstaq b'veloċità eċċessiva. Imma l-Qorti tqis li f'każ li huwa minnu li l-vettura tal-appellat kienet ġejja b'veloċità qawwija tant li din kienet tinstema' minn diversi metri 'l bogħod, jirriżulta li l-għalqa ta' Cardona qiegħda diversi metri bogħod minn fejn seħħ l-impatt, ma jistax ikun li l-appellant ma semagħhiex ġejja u ma rax kif jagħmel biex jevita l-impatt. Huwa aktar verosimili li l-appellant ipprova joħroġ fit-triq prinċipali u ma laħaqx aġixxa fil-pront, biżżejjed biex jevita l-vettura misjuqa mill-appellat. Tqis għalhekk illi anki dan l-aggravju mhux ġustifikat, u tiċħdu.

**Decide**

**Għar-raġunijiet premessi, din il-Qorti qiegħda tiddeċiedi dwar l-appell tal-appellant billi tiċħad l-aggravji kollha sollevati mill-appellant, u tikkonferma d-deċiżjoni appellata fl-intier tagħha. L-ispejjeż tal-proċeduri arbitrali jibqgħu kif deċiżi, u l-ispejjeż ta' dan l-appell a karigu tal-appellant.**

Moqrija.

**Onor. Dr Lawrence Mintoff LL.D.**
**Imħallef**

**Rosemarie Calleja**
**Deputat Reġistratur**